MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 1853/2004/1

**Cutrico Services Ltd**

**vs**

**Pace Jan Willem; u b’ digriet tad-29 ta’ Ottubru, 2006, l-atti ta’ l-appell gew legittimati f’ isem Christina Pace bhala mandatarja ta’ l-istess binha imsiefer Jan Willem Pace**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta’ April, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta’ Ottubru 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm621.92 (sitt mija wiehed u ghoxrin Lira

Maltin u tnejn u disghin centezmu) rapprezentanti hlas pro rata ta’ course.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-socjeta` attrici titlob illi dan it-Tribunal

1. jiddikkjara il-konvenut debitur taghha a tenur tal-artikolu 7: III tal-kuntratt ta’ impieg datat 20 ta’ Ottubru 2003, kopja annessa bhala Dok A stante illi: l-istess konvenut kien hu stess ittermina l-impieg tieghu mas-socjeta` attrici u fil-perjodu ta’ sena qabel tali terminazzjoni huwa kien qed jattendi a spejjez tas-socjeta` attrici ‘in house training’ ta’ sena;
2. u konsegwentement jikkundanna u jordna illi il-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ sitt mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u tnejn u disghin centezmu Lm621.92, rapprezentanti il-hlas pro rata tal-imsemmi course ghall-perjodu li attenda il-konvenut mill-20 ta’ Ottubru 2003 sat- 2 ta’ Gunju 2004, skond kopji Dok B u C.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-eccipjent konvenut ma attenda l-ebda courses fit-termini ta’ l-Artikolu 7: III kif vantat mis-socjeta` attrici. L-Artikolu 7: III jirreferi direttament ghall-artikolu 2 (D) u l-konvenut ma attenda l-ebda courses imsemmija f’dan l-Artikou.
2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-inhouse training li seta` inghata lill-konvenut inghata a tenur ta’ l-Artikolu 3 li jifforma parti integrali mill-kuntratt ta’ impjieg u ma huwa xejn hlief tahrig preliminari mehtieg f’kull impjieg gdid u li ma jwassalx ghar-rifuzzjoni f’kaz ta’ terminazzjoni ta’ impjieg kif issostni s-socjeta` attrici. L-inhouse training kien parti mill-korrispettiv fis-somma ta’ elf Liri Maltin (Lm1000) li kienu beneficcji moghtija mill-kumpanija lill-imjegat u dan jirrizulta kjarament peress illi

tali inhouse training huwa imnizzel fil-klawsola 3 li tirrigwarda pagi u remunerazzjonijiet ohra lill-konvenut.
3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, is-somma reklamata ta' sitt mija u wiehed u ghoxrin Liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm621.92) ma hijiex prevista fl-artikolu 7: III tal-kuntratt ta' impjieg kif imsemmi fl-Avviz.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi s-socjeta` attrici qed tirriklama minghand il-konvenut ammont ta' flus minnha minfuqha fuq l-ex impjegat taghha in konnessjoni ma "in-house training course". Tas-sena li kien ghamel ma' l-istess socjeta` attrici meta pero` dana kien ghadu impjegat maghha u ossia meta hu kien ghadu fil-bidu ta' l-istess impjieg tieghu.

Dan it-training kien ikun necessarju sia fl-interess tal-konvenut u fl-interess manjanimu tal-istess socjeta` attrici sabiex ikollha nies ittrejnjati fix-xoghol taghha. Ir-relazzjoni industrijali bejn iz-zewg partijiet hija regolata minn kuntratt tax-xoghol datat 20 ta' Ottubru 2003 u esebit bhala Dok A a fol 2 tal-process.

Is-socjeta` attrici qed tinvoka l-Artiklu 7 subinciz 3 li jghid testwalment "In the event that the employee terminates this agreement he shall forthwith refund to the company all materials received during his employment with the company together with the cost of any course attended by him during the twelve months prior to such termination, including the cost of the course, travelling, accommodation, food costs and allowances."

Il-konvenut jallega da parti tieghu illi dan l-allegat in-house training course ma jinkwadrax ruhu f'dan l-artikolu ghax dan ovvjament jirreferi ghal xi kors li s-socjeta` attrici setghet batghet lill-impjegat taghha barra minn Malta u di fatti hemm inkluz l-ispejjez tal-kors, l-ivjaggar, l-akkomodazzjoni, spejjez tal-ikel u "any allowances". Ovvjament kieku dan il-kors kien qieghed jattendi ghalih

hawn Malta, ma kienx ikun involut l-ebda kaz ta’ vjaggar u akkomodazzjoni.

U allura f’dan is-sens it-Tribunal huwa preparat li jaqbel mat-tezi konvenuta. F’dan is-sens it-Tribunal jaghmel riferenza ghas-sentenza moghtija minnu f’materja simili (Avviz Nru 1851/04) fl-ismijiet “Cutrico Services Limited vs Stephen Azzopardi” fejn il-punt tal-ivjaggar o meno gie deciz similarment. It-Tribunal jirribadixxi illi f’dan l-artiklu invokat mill-istess socjeta` attrici sabiex tiehu rifuzjoni ta’ spejjez minnha maghmula ma jinkwadrax ruhu f’dan l-artiklu izda l-“in-house training course” huwa indikat fl-Artiklu 3 ta’ l-istess ftehim fejn liema artiklu jistabbilixxi l-paga li tithallas minn l-istess impjegat kif ukoll hemm indikat testwalment “During the first eighteen months the company will provide the employee with in-house training equivalent to one thousand Maltese liri.”

Ghar-rigward ta’ dan ma hemm indikat xejn aktar. Anzi l-Artiklu 2 subinciz 3 jaghmel riferenza ghall-vjaggar o meno barra minn Malta tal-impjegat in konnessjoni ma’ l-impjieg tieghu biex iwettqu biex ukoll biex jattendi “courses” biex jitrenjah ahjar fl-interess ta’ l-istess kumpanija jew klijenti taghha. Huwa f’dan il-kaz illi skond ma hemm indikat fl-annex A hemm impost fuq l-impjegat il-perjodi li jrid idum fl-impjieg tieghu u fl-eventwalita` li jittermina l-impjieg minn qabel xi jkun obbligat jirrifondi.

It-Tribunal huwa tal-ferma opinjoni illi l-kumpanija attrici kellha f’mohha illi f’kaz li l-impjegat jitlaq qabel ma jkun ghaddha z-zmien tat-training kien ikollu jhallas lura l-ispejjez minnu maghmula u dana gustifikament biex it-training li jkun ser igawdi minnu terza persuna ma jkunx a spejjez tal-istess socjeta` attrici.

Jiddeciedi illi fil-waqt li jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici.”

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` attrici li talbet ir-revoka taghha. Bazikament, il-kontestazzjoni taghha hi

diretta kontra l-interpretazzjoni akkordata mit-Tribunal lil certi provvedimenti tal-kuntratt ta' impjieg senjatament klawsoli 7 (iii) u 2 (d) tieghu. Sostanzjalment hi tikkontendi li l-"*in house training course*" kontemplat fl-artikolu 3 kien jattira l-applikabilita` tal-precitati klawsoli u konsegwentement il-konvenut, la darba ttermina l-impjieg tieghu, kien tenut jirrifondilha s-somma reklamata, rapprezentanti pro-rata l-ispiza tal-kors imsemmi;

Huwa elementari illi f' materja ta' interpretazzjoni, oltre l-komprensjoni tan-normi guridici applikabbli, irid ikollok l-individwazzjoni ta' dawk l-elementi guridikament rilevanti fil-fattispeci konkreti, bil-konnotazzjonijiet specifici tieghu. Fil-kaz prezenti, l-element l-aktar sinjifikattiv hu l-fatt illi l-kuntratt ta' impjieg mertu tal-kawza, kien wiehed ta' apprendistat. Ara klawsola 1 (a) tieghu. L-accent li qed tigi posta fuq dan il-fatt hi necessarja u importanti biex wiehed jaghti t-tifsiriet gusti lill-klawsoli l-ohra kuntrattwali li jsegwu, u b' mod specjali, dawk li attiraw l-interess tal-partijiet u tat-Tribunal fil-vertenza in ezami;

Jinsab precizat fid-definizzjoni li l-Artikolu 29 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Tahrig (Kapitolu 342) jaghti lill-kelma "<u>apprendist</u>" illi din tifsser "persuna li tkun ghalqet hmistax-il sena li tkun marbuta bi ftehim bil-miktub li taqdi principal matul zmien miftiehem sabiex tikseb taghrif, maghduda t-teorija u l-prattika, f' sengha li l-principal minn naha tieghu jkun marbut li jghallem lil dik il-persuna; u 'apprendistat' ghandha tinftiehem skond hekk";

Minn din id-definizzjoni huwa koncepibbli illi l-apprendistat hu rapport specjali u kumpless, kostitwit minn elementi komposti taht il-forma ta' skambji – il-prestazzjoni tax-xoghol kontra l-ghoti tat-tahrig u l-pagament tar-retribuzzjoni. Essenzjalment, b' apprendistat wiehed jifhem illi min ihaddem hu obbligat li jimpartixxi lill-impjegat tieghu fl-impriza it-taghlim u t-tahrig necessarju biex dan jikkonsegwi dik il-kapacita` teknika biex hu jsir impjegat kwalifikat fl-istess impriza. Fl-istess waqt, min ihaddem

hu tenut jirretribwixxi lil dan l-impjegat ghax-xoghol tieghu in bazi ghall-istipulazzjoni kontrattwali. Jekk ir-rapport ma jikkonsentix u ma jahsebx ghal dan it-taghlim izda sempliciment ghall-iffissar tal-mansjonijiet ta’ l-impjegat ma jistax jikkwalifika bhala wiehed ta’ apprendistat imma bhala rapport ordinarju tax-xoghol fejn l-impjegat jigi sempliciment retribwit mill-principali ghax-xoghol tieghu. F’ dan il-kaz il-partijiet kontraenti dikjaratament ghazlu li jivvestu r-rapport ta’ bejniethom bhala wiehed ta’ apprendistat;

Premessa din il-preliminari, in sintonija mal-kuncett ta’ ftehim ta’ apprendistat, fil-kaz prezenti, il-kuntratt ta’ impjieg tal-20 ta’ Ottubru 2003 (fol. 2) jipprovdi, fl-artikolu 3 tieghu, illi l-impjegat kellu jinghata “*in house training*” ghall-ewwel tmintax-il xahar ta’ impjieg. L-ittra ta’ l-4 ta’ Frar 2004 (fol. 6) tikkonferma li nghata effett ghall-imsemmi provvediment bit-tahrig li kien qed jinghata lill-konvenut u li, skond kliem l-istess ittra, ghenuh “*to gain experience on the various assignments you have been taught*”. Dan kollu ghandu korrispondenza mad-definizzjoni tal-ligi fuq espressa u li taghmel il-kuntratt dak li hu, jigifieri wiehed ta’ apprendist. Il-fatt li fil-kuntratt dak l-*in house training* inghata valur ma jgibx li dan it-tahrig kien xi haga dipendenti unikament mill-volonta` tas-socjeta` appellanti imma pjuttost obbligu inkombenti fuqha fit-thaddim u l-ezekuzzjoni tax-xorta ta’ kuntratt konkordat u tal-ligi;

Issa huwa veru li l-kuntratt jahseb ukoll li l-impjegat fil-kors ta’ l-impjieg tieghu li jsegwi korsijiet kemm fl-esteru kif ukoll f’ Malta [klawsola 2 (d) u li, f’ kaz li l-konvenut jittermina l-impjieg, kien tenut jirrifondi lura “*the cost of any courses attended by him during the twelve months prior to such termination, including the cost of the course, travelling, accommodation, food costs and any allowances*” (klawsola 7 (iii)];

F’ dan ma hemm xejn gdid. Huwa notorju li flimkien ma’ addestrament li apprendist ghandu jircievi spiss jigu affjankati korsijiet specjalizzati jew kumplimentari ghall-istess addestrament. Jibqa’ l-fatt li l-“*in house training*” ma jistax jigi kwalifikat bhal xi kors minn dawk intizi fil-klawsola 2 (d) imma wiehed obbligatorju impost mil-ligi fuq principal f’ kuntratt ta’ appredistat. Il-kliem tassattivi tal-precitata definizzjoni – “li principal minn naha tieghu jkun marbut li jghallem” – ma thalli lok ghall-ebda interpretazzjoni. Jikkonsegwi minn dan illi ma jistax dak it-tahrig jinghata s-sens mahsub mis-socjeta` appellanti u li fuqhom ippernjat l-aggravji taghha.

Ghal dawn il-motivi u in bazi ghall-kunsiderazzjonijiet kollha li saru hawn fuq, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, u konsegwentement tirrespingi l-appell tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu sopportabbli minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------